**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 15 ta' Gunju, 2017

Rikors Nru : 11/17 AL

**A B**

***vs***

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu Malta fit-tlieta (3) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u tmenin (1980) u li minn dan iz-zwieg kellhom zewg ulied li llum huma maggorenni;

Illi l-partijiet ilhom de facto separati 'il fuq minn ghaxar (10) snin u legalment separati b'kuntratt redatt min-Nutar Reuben Debono mis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Awwissu tas-sena elfejn u hmistax (2015), kopja ta' liema kuntratt hija annessa u mmarkata bhala 'Dok A';

Illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra l-fatt illi l-partijiet ilhom aktar minn ghaxar snin mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn ta' xulxin;

Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut stante illi l-partijiet iddekadew definittivament minn kull jedd taghhom li jitolbu u li jircievu manteniment minghand xulxin u dana skont is-Sitt Artikolu tal-kuntratt ta' separazzjoni anness;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib ta' divorzju skont Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet li il-konvenut ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie celebrat fit-tlieta (3) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u tmenin (1980) bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex issir id-debita registrazzjoni fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat, li permezz taghha informa lill-Qorti li ma joggezzjonax ghat-talbiet rikorrenti u jikkonferma li ilhom jghixu separatament mis-sena 2010 u ma hemm ebda pendenza rigward manteniment stante li illum it-tfal huma mizzewwgin u ma hemm l-ebda possibilita ta' rikonciljazzjoni stante li t-tnejn ghandhom partner;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-25 ta' Jannar, 2017;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-27 ta' Awissu 2015 u ilhom de facto separati ghal aktar minn ghaxar (10) snin;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.